MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2011

Numru 278/2011

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Daniel Zammit)**

**vs**

**Adrian Zammit**
**John Mamo**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputati Adrian Zammit ta’ 31 sena, iben Joseph u Jane nee’ Borg, mwieled Pieta’ fit-28 ta’ Dicembru 1979 u residenti gewwa 9, Triq it-Trinita, Marsa u detentur tal-karta tal-identita’ numru 41180(M) u l-imputat John Mamo ta’ 26 sena, iben John u Alfrida nee’ Abela, mwieled Pieta’

fl-10 ta' Marzu 1984 u residenti gewwa 13, Triq Azzopardi, Marsa u detentur tal-karta tal-identita' numru 146384(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli :

Gewwa Tas-Sliema, nhar it-03 ta' Frar 2011, ghal habta tan-nofs siegha ta' wara nofsinhar (12:30hrs) gewwa Triq Tigne, ikkommettew serq minn fuq il-persuna ta' Victoria Amato Gauci, liema delitt huwa ikkwalifikat bil-valur li jaqbez mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94)  izda mhux elfejn0 tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329,37) u bil-vjolenza fuq il-persuna ta' Victoria Amato Gauci, persuna li ghalqet is-sittin sena;

Lil Adrian Zammit wahdu akkuzat ukoll talli rrenda ruhu ricediv ai termini ta' l-artikolu 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstab hati b'diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu kif ukoll talli wettaq reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza u kif ukoll bi ksur tal-Probation a tenur tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta fejn kien gie misjub hati b'sentenza tal-Qrati tal-Magistrati (Malta) u lliberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess Artikolu;

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputati kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar is-6 ta' Frar, 2011 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputati wiegbu li huma hatja, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u taghthom zmien xieraq sabiex jekk iridu jergghu lura minnha u kien biss wara li staqsiethom it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputati, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghhom.

Semghat is-sottomissjonijiet maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Ghall-finijiet ta' piena in kwantu jirrigwarda z-zewg imputati l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputati rregistraw ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll il-fatt li huma kkoperaw fil-kors tal-investigazzjonijiet. In kwantu jirrigwarda l-imputat Adrian Zammit l-Qorti kkunsidrat wkoll il-fatt li huwa ghandu problemi serji ta' natura psikologika kif ukoll il-fatt li l-involviment tieghu fis-serqa odjerna kien wiehed minimu stante li l-partecipazzjonij tieghu kienet tinvolvi biss li huwa wassal lit-tnejn l-ohra fuq il-post u fil-kaz tieghu l-aktar piena idoneja tkun l-estensjoni tas-sentenza sospiza moghtija permezz tas-sentenza ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta tal-5 ta' April 2010 lli jikkomprendi wkol l-estensjoni tal-Ordni ta' Supervizjoni hemm impost. Dan ifisser li l-imputat Adrian Zammit ser ikompli jigi segwit minn Probation Officer li jghinu jaqbad it-triq it-tajba. Fil-kaz tal-imputat John Mamo l-Qorti kkunsidrat ukoll li huwa ghandu fedina penali kwazi netta u fil-kaz tieghu Ordni ta' Probation tkun l-aktar piena idoneja.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 262, 267, 276, 279(a), 28A sa 28H, 49 u 50 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lil-imputat Adrian Zammit hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah tmitnax (18) il-xahar prigunerija sospizi ghall-perijodu ta' tlett (3) snin millum filwaqt lli tordna li s-sentenza sospiza ta' sentejn (2) prigunerija sospizi ghal perijodu ta' tlett (3) snin imposta permezz tas-sentenza tal-5 ta' April 2010 tigi estiza ghall-perijodu ta' tlett (3) snin b'effett millum.

Wara li rat l-Artikoli 261, 262 u 267 u  tal-Kodici Kriminali, l-Qorti issib lill-imputat John Mamo hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b'applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda taghmel Ordni ta' *Probation* li permezz tieghu tqieghed lill-hati John Mamo taht is-sorveljanza ta' l-Ufficjal tal-*Probation* illi ghandu jigi assenjat skond il-ligi

u dan ghall-perijodu ta' tlett (3) snin millum u taht is-segwenti kundizzjonijiet:-

1. Li matul il-perijodu ta' probation ta' tlett (3) snin John Mamo jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u jzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-*probation* mahtur lilu.
2. L-Ufficjal tal-*Probation* mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirraporta bil-progress ta' John Mamo kull sitt (6) xhur bil-miktub.
3. John Mamo ghandu javza mmedjatament lill-Ufficjal tal-*Probation* b'kull bdil li talvolta jaghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lil hati bi kliem car l-effett ta' din l-ordni u tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tinnotifika minnufih kopja ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation li ghandu jassenja l-ufficjal tal-*probation idoneju* ghall-hati.

Wara li rat l-Artikoli 392 A (2) u 401 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tordna li l-atti kollha ta' dan il-process flimkien ma kopja tas-sentenza jintbghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
(bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali)

**ORDNI TA' PROBATION**
*(MAGHMUL SKOND L-ARTIKOLU 7 TAL-KAPITOLU 446 TAL-LIGIJIET TA' MALTA)*

**Magistrat: DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum: 8 ta' Frar, 2011**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daniel Zammit)**

**vs**

**John Mamo**

Il-Qorti,

Billi b'sentenza moghtija llum fl-ismijiet premessi, John Mamo gie misjub hati kif imfisser fl-istess sentenza u gie mpoggi taht Ordni ta' Probation ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' *Probation*;

Wara li fissret lill-hati bi kliem car l-effett ta' din l-Ordni ta' *Probation* (inkluzi l-kondizzjonijiet addizzjonali specifikati hawn taht skond l-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446) u illi jekk jonqos li jhares din l-Ordni jew jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu ta' tliet (3) snin, ikun jista jigi kkundannat ghar-reat li ghalih qieghed tigi maghmula din

l-Ordni, u illi l-hati wera li jrid ihares il-kondizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' *Probation*;

Ghalhekk **tordna** li l-hati John Mamo li joqghod, 13, Triq Azzopardi, Marsa, detentur tal-karta tal-identita' numru 146384(M) ikun ghal perjodu ta' tliet (3) snin millum taht is-sorveljanza ta' Ufficjal ta' Probation taht dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul il-perijodu ta' probation ta' tlett (3) snin John Mamo ghandu jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u jzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-*probation* mahtur lilu.
2. L-ufficjal tal-*probation* mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirraporta bil-progress ta' John Mamo kull sitt (6) xhur bil-miktub.
3. John Mamo ghandu javza mmedjatament lill-ufficjal tal-*probation* b'kull bdil li talvolta taghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.

**John Mamo**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------